# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
# Boys' Secondary, Kirkop

| Marka |
|---|
| |

## EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2013/14

**Track 2 (AS)**

**FORM 4** **Reliġjon** **Ħin: 1h 30 min**

| Taqsima | A | B | Ċ | D | E | F | **Marka Globali** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka sħiħa | 25 | 10 | 10 | 25 | 10 | 20 | 100 |
| **Marka** | | | | | | | |

**Tikteb xejn 'il fuq minn din il-linja**

**Isem: ___________________________________** **Klassi: ___________**

Taqsima A: Ikteb veru jew falz ħdejn kull sentenza.

Eżempju: . Fil-Bibbja nsibu t-Testment il-Ġdid u t-Testment il-Qadim __**Veru**___

1) Fit-Testment il-Qadim insibu s-Salmi. __________
2) Fit-Testment il-Ġdid insibu ħafna dwar is-sultan David. __________
3) Lil Ġesù qatluh għax keċċa lin-nies mis-suq. __________
4) L-aħħar ktieb tal-Bibbja huwa l-Ġenesi. __________
5) Ġesù kien ifejjaq in-nies biex isir famuż u jimpressjona. __________
6) Marija u Ġużeppi kienu n-nanniet ta' Ġesu`. __________
7) San Ġużepp kien mastrudaxxa. __________
8) San Pawl ġie Malta u għallimna dwar Ġesù. __________
9) San Saffar kien magħżul bħala l-ewwel Papa. __________
10) L-Isqof imexxi l-Knisja tad-dinja kollha. __________

11) Ġuda biegħ lil Ġesu` għal erbgħin lira sterlina. __________

12) Tliet snin wara li miet, Ġesù qam mill-mewt. __________

13) Ġesù waqqaf l-Ewkaristija waqt it-tieġ ta' Kana. __________

14) Kull reliġjon tipprova twieġeb l-ikbar mistoqsijiet tal-bniedem. __________

15) Marija qalet lill-Anġlu: "Jien mhux kapaċi nkun omm Alla". __________

16) Darba Ġesù dam ġimgħa mitluf fit-tempju. __________

17) Ġesù kien intilef għax beda jilgħab bil-bebbux. __________

18) Il-kelma 'fidi' tfisser li temmen xi ħaġa mingħajr ma tara. __________

19) San Tumas ma kienx emmen li Ġesù qam mill-mewt. __________

20) Ġesu` kien jgħid lill-Fariżej li huma nies ta' żewġt uċuh. __________

21) Charles de Foucauld kien joqgħod jgħallem lill-annimali. __________

22) Charles de Foucauld kien tkeċċa minn suldat. __________

23) Charles de Foucauld qatt ma tilef il-fidi. __________

24) Charles de Foucauld beda grupp ġdid ta' qassisin. __________

25) Il-Knisja temmen li Charles de Foucauld qiegħed il-Ġenna. __________

*25 marka*

<u>Taqsima B: Għaqqad is-sentenzi ma' xulxin. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju. Trid tikteb in-numru t-tajjeb fl-aħħar kolonna.</u>

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | L-istorja ta' Adam u Eva | | dak li tradixxa lil Ġesu` |
| 2 | San Pietru kien ċaħad | | tlieta u sebgħin ktieb. |
| 3 | Ġuda l-Iskarjota kien | | għax kien hemm tnax-il tribu' f'Israel. |
| 4 | Ir-reliġjonijiet primittivi | | iffissat iżżejjed fuq xi ħaġa. |
| 5 | Ġesu` għażel tnax-il appostlu | 1 | insibuha fil-Ġenesi. |
| 6 | Il-Bibbja fiha ġabra ta' | | fit-Testment il-Ġdid. |
| 7 | L-Ittri tal-Bibbja jinsabu kollha | | ubbidjenza. |
| 8 | Muhammed qal li huwa | | lil Ġesu' tliet darbiet. |
| 9 | Il-kelma Islam tfisser | | għall-Musulmani. |
| 10 | Mekka hija l-belt qaddisa | | jemmnu li kull ħaġa ħajja għanda ruħ. |
| 11 | Fanatiżmu tfisser li tkun | | l-aħħar u l-akbar profeta. |

*10 marki*

Taqsima Ċ: Aqta’ linja taħt ir-risposta t-tajba.

Eżempju: Jekk ngħixu tajjeb aħna nistgħu mmorru (Paceville la nikbru, vjaġġ fejn kien jgħix Ġesù, il-Ġenna meta mmutu, indoqqu l-ħornijiet).

1) Il-fundatur tal-Buddiżmu huwa (Chuk Norris, Sidharta Gautama, Charles Chaplin, Bud Spencer, Mahatma Gandhi, Nelson Mandela).

2) Alla jaħfrilna dnubietna (bis-sagrament, bil-kmandament, bit-tagħlim, bit-twemmin) tal-Qrar.

3) (Il-Buddisti, Il-Protestanti, L-Induisti, Il-Musulmani) jemmnu fi Kristu bħalna.

4) Aħna nemmnu li hemm tliet persuni f’Alla wieħed. Dan il-misteru nsejħulu l-misteru tat-(Tribu`, Trinita`, Twemmin, Tabernaklu).

5) Ir-Reliġjon tagħna hija r-Reliġjon (Ortodossa, Kattolika, Jehovah, New Age).

6) L-ewwl qaddis malti huwa (Dun Karm Psaila, Dun Djan, Dun Ġorġ Preca, Dun Alwiġ Cremona, Nazju Falzon).

7) L-Apokalissi jitkellem dwar (il-mewt ta’ San Pawl, meta San Pawl ġie Malta, il-bidu tad-dinja, l-aħħar tad-dinja).

8) In-Nirvana hija (l-ġenna tal-Buddisti, l-infern tal-Induisti, belt qaddisa għall-Musulmani, talba ta’ filgħaxija li jgħidu l-Insara).

9) L-ewwel ħames kotba tal-Bibbja jissejħu l-(Pentekoste’, Pentagon, Pentatewku, Pikachu, Pensilvenja).

10) Il-Bibbja ġiet tradotta għal iktar minn (mitt, mitejn, elf, elfejn) lingwa.

*10 marki*

Taqsima D: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

1) Xi tfisser meta ngħidu li l-Bibbja fiha stejjer letterarji?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ 2 marki

2) Xi tfisser meta ngħidu li l-Bibbja hi ispirata?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ 2 marki

3) Jekk Buddist jgħix tajjeb, x'jemmen li ser jiġrilu wara l-mewt?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ marka

4) Semmi eżempju ta' storja letterarja li nsibu fil-Bibbja. ______________________________

___________________________________________________________________________ marka

5) F'liema reliġjon jemmnu li biex tkun kuntent trid toqtol kull xewqa?

_________________________________________________________________________ marka

6) Għala Ġużeppi spiċċa mibjugħ minn ħutu? _____________________________ marka

7) Semmi **żewġ** eżempji ta' superstizzjoni.

_______________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________ 2 marki

8) X'inhi d-differenza bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid? _________________

_________________________________________________________________________ 2 marki

9) Semmi **waħda** mil-lingwi oriġinali li biha nkitbet il-Bibbja.____________________marka

10) X'għamel Pietru Pawl Saydon? _______________________________________________

_________________________________________________________________________ 2 marki

11) X'talbu Alla lil Abraham biex jara għandux fidi fih?

_______________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ marka

12) Liema kien l-aħħar kastig li wassal lill-Fargħun biex jeħles lil-Lhud mill-jasar tagħhom?

_______________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ marka

13) Skont il-Ġenesi, kemm damet biex saret id-dinja? __________________________ marka

14) F'liema ġurnata strieħ Alla wara li għamel il-ħolqien? ____________________________

___________________________________________________________________________ marka

15) Min irċieva l-kmandamenti fuq il-muntanja Sinaj? _________________________ marka

16) Għala Sawl ipprova joqtol lil David? ____________________________________ marka

17) Ikteb f'madewar 30 kelma x'kellhom jagħmlu l-Lhud biex l-għaxar kastig ma jaqax fuqhom ukoll. ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ 2 marki

18) Kif ġie maħluq Adam u kif ġiet maħluqa Eva skont il-Bibbja?

______________________________________________

______________________________________________ 2 marki

*25 marka*

Taqsima E: Hawnhekk hawn lista ta' wieħed u għoxrin (21) kmandament. Ovvjament għaxra biss huma tajbin. Sib liema huma t-tajbin u ħdejhom fil-ġenb ikteb **Tajjeb**. Sib liema huma l-foloz u ħdejhom ikteb **Ma jeżistix**. L-ewwel waħda hi lesta bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Ma jkollokx Knisja oħra falza. | **Ma jeżistix** |
| 2 | La toħroġx għal kaċċa. | |
| 3 | Ma jkollokx Alla ieħor għajri (ħliefi). | |
| 4 | La ssemmix l-isem t'Alla fil-batal (fil-vojt). | |
| 5 | La tgergirx kontra l-ħbieb. | |
| 6 | Ħares il-Ħdud u l-festi kmandati. | |
| 7 | La tarax affarijiet ħżiena. | |
| 8 | Weġġaħ (irrispetta) lil missierek u lil ommok. | |
| 9 | Mur żur lil-morda l-isptar. | |
| 10 | La toqtolx. | |
| 11 | La tiżnix. | |
| 12 | Itfa' l-flus fil-qoffa tal-Knisja. | |
| 13 | Għamel l-ilma mbierak qabel il-Quddies. | |
| 14 | La tmaqdarx. | |
| 15 | La tisraqx. | |
| 16 | La tixtrix affarijiet żejda. | |

| | | |
|---|---|---|
| 17 | La tixhidx ħaġa b'oħra (la tigdibx). | |
| 18 | La tarmix ikel. | |
| 19 | La tixtieqx nisa tal-oħrajn. | |
| 20 | La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn. | |
| 21 | La tixtieqx karozzi tal-oħrajn. | |

*10 marki*

Taqsima F: Wieġeb dawn it-tlett domandi billi tikteb paragrafu ta' 50 kelma fuq kull waħda.

*Fid-dinja jeżistu reliġjonijiet differenti. Hawn ukoll ħafna nies li ma jemmnu fl-ebda reliġjon.*

a) Semmi **ħames** raġunijiet għala hawn min jabbanduna r-reliġjon minn ħajtu.

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________ (5 marki)

b) Ikteb il-**ħames** pilastri tal-fidi Musulmana.

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________(5 marki)

ċ) Spjega dawn il-ħames kelmiet:

Il-Buddha:_______________________________________________________________

_________________________________________________________________________

Ir-Rinkarnazzjoni:_______________________________________________________

_________________________________________________________________________

Il-Meditazzjoni:_________________________________________________________

_________________________________________________________________________

Il-Koran:________________________________________________________________

_________________________________________________________________________

Brahman:_________________________________________________________________

_________________________________________________________________ (10 marki)

---

**TMIEM**

---